# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002**

**Numru 72**

**Citaz. numru: 1299/93 K1 NA**

**Anthony Pace f'ismu proprju u ghan-nom u fl-interess tad-ditta "Berk's Auto Dealer"**

**vs**

**Charles Tanti u Lourdes Grech; u b'nota tal-21 ta' Jannar 1994 Paul Grech assuma l-atti tal-kawza ghan-nom, fl-interess u bhala prokuratur ta' l-imsiefra konvenuta Lourdes Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-26 ta' Ottubru 1993 li biha ppremetta:

"Illi huwa biegh u kkonsenja il-karozza tal-marka ‘Lancer Mitsubishi’ numru ta registrazzjoni V-5*552* lill-konvenuti;

Illi in effetti l-arrangament kien illi l-konvenuti kellhom ipartu l-karozza taghhom tal-marka ‘Daihatsu Charade’ u jzidu s-somma ta elfejn u mitejn u hamsin lira maltin (Lm2,250);

Illi in effetti meta gew biex ihallsu, il-konvenuti b’intendiment frawdolenti hallsu b’cheque li ma giex onorat. L-element frawdolenti ghandu jirrizulta anke mill-fatt li l-istess konvenuti qeghdin jittantaw ibieghu ta' malajr din il-vettura u dan ma sehhx biss ghax sar mandat ta' sekwestru opportun;

Illi l-konvenuti nterpellati biex ihallsu l-bilanc minnhom dovut baqghu inadempjenti;

Illi jezistu c-cirkostanzi specjali kif kontemplati ai fini tal-artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi taht dawn ic-cirkostanzi l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjonijiet x’jaghtu in kontrattazzjoni ghat-talbiet attrici;

TALAB li din il-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh kif provdut ai fini tal-Artikolu 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma ta elfejn mitejn u hamsin lira maltin bl-imghax mid-data tal-konsenja tal-vettura.

Bl-ispejjes u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni."

Effettivament l-ewwel talba attrici qatt ma giet direttament indirizzata minn din il-Qorti kif diversament presjeduta. Il-konvenuta Lourdes Grech ghamlet l-eccezzjonijiet taghha fil-21 ta' Jannar 1994 wara li inghatat din il-fakolta' fis-seduta tal-14 ta' Jannar 1994, filwaqt illi l-konvenuta l-iehor Charles Tanti dam ma gie notifikat u finalment ipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu fis-7 ta' April 1994.

Il-konvenuta Lourdes Grech, kif rapprezentata minn Paul Grech eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi Lourdes Grech hallset l-ammont intier fis-somma ta' Lm2225 ghas-saldu in konnessjoni man-negozju in kwistjoni;

Salv eccezzjonijiet uterjuri jekk jinqala il-kaz."

Il-konvenut Charles Tanti eccepixxa:

"Illi preliminarjament t-talbiet tal-attur fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti stante li l-konvenut Charles Tanti mhux il-legittimu kontradittur peress li ma kellu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur fil-konfront tal-karozza tal-marka "Lance Mitsubishi" bin-numru ta' registrazzjoni V-5552.

B'digriet tal-25 ta' April 1994, gie nnominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bhala Perit Legali li minn naha tieghu pprezenta r-relazzjoni tieghu fit-8 ta' Lulju 1998. Dan gie mahluf fir-Registru fis-27 ta' April 1999 wara li huwa kien inghata l-fakolta' li hekk jaghmel mill-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 672 tal-Kapitolu 12. Ma saret ebda talba ghall-periti addizzjonali fit-termini preskritti taht l-Artikolu 677 ta' l-istess

Kapitolu 12.  Il-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport u finali trattazzjoni diversi drabi fejn ma sar xejn u finalment fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2000 giet ittrattata biss mid-difensur tal-konvenut Tanti.  It-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenut Grech invece saret fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2000 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Il-Perit Legali wara li ezamina akkuratament il-provi mressqa (pagni 8 sa 16 tar-rapport tieghu minn fol. 91 sa 100 tal-process) wasal ghal konkluzzjoni illi mill-provi kif prodotti rrizulta illi l-attur li kien jinnegozja fil-karozzi taht l-isem ta' Berks.  Irrizulta wkoll illi gurnata minnhom il-konvenuti, li dak iz-zmien kienu gharajjes kien marru fix-showroom tal-attur u lahqu ftehim mieghu fis-sens illi huma kellhom jakkwistaw il-karozza tal-marka Mitsubishi Lancer li kellu ghal bejgh, u dan l-akkwist kellu jsir bi tpartit ma' karozza tal-konvenuta Lourdes Grech tal-marka Daihatsu Charade flimkien ma' hlas ta' Lm2250.

Mill-provi rrizulta wkoll illi effettivament dan in negozju sar fis-sens illi l-karozza Daihatsu Charade tal-konvenuta Lourdes Grech giet trasferita ghal fuq l-attur filwaqt li l-Mitsubishi Lancer gie trasferita ghal fuq isem il-konvenuta Grech.  Li

gara wkoll pero huwa illi l-ammont miftiehem ta' Lm2250 baqghu ma thallsux. F'dan ir-rigward l-attur xehed illi dan il-hlas ma sarx mat-transfer u meta beda jaghfas ghall-hlas, l-konvenut Tanti kien hariglu cekk tal-konvenuta Grech iffirmat minnu. Sussegwentement l-konvenuta Grech kienet infurmat lill-attur illi fil-kont ma kienx hemm flus u li dak ic-cheque kien inhareg minn Charles Tanti b'mod abbusiv u minghajr il-kunsens taghha. Konsegwenza ta' hekk ic-cheque ma ssarrafx u l-ammont ta' Lm2225 baqa' ma thallasx minn ebda mill-konvenuti. Ghalhekk ma hemmx dubbju ghal din il-Qorti li hemm ammont ta' Lm2250 li huma dovuti lill-attur. Fid-dawl ta' dan li trid allura tistabilixxi l-Qorti huwa dwar min min mill-konvenuti ghandu jithallas dan l-ammont u, kif qal il-Perit Legali fir-relazzjoni tieghu, dan il-punt irid jigi stabilit irrispettivament minn kull ftehim li sar jew seta' sar bejn iz-zewg konvenuti u li ghalih l-attur baqa estraneju.

Dwar dan il-punt dwar min ghandu jhallas l-ammont dovut, din il-Qorti tirrileva illi effettivament il-vettura Mitsubishi Lancer gie trasferita fuq isem il-konvenuta Lourdes Grech allura giet akkwistata minnha. Tirrileva wkoll il-vettura Daihatsu li inghatat bhala tpartit kienet tappartjeni lilha. Minn naha l-ohra huwa fatt illi, fin-negozjati li saru qabel dawn it-trasferimenti

kienu nvoluti z-zewg konvenuti u l-attur fl-affidavit tieghu stess jsemmi li huwa biegh liz-zewg konvenuti u li kienu z-zewg konvenuti li marru jkellmuh is-showroom fejn iddiskutew dan il-bejgh. Dan gie kkonfermat ukoll minn oht l-attur li xehdet li filwaqt li kien il-konvenut Tanti li kien jitkellem, il-konvenuta Grech kienet prezenti u kienet tikkonsenti ghal dak li jghid Tanti. Irrizulta wkoll illi dak iz-zmien meta l-konvenuti kienu marru ghand l-attur sabiex jixtru l-vettura Mitsubishi, kienu gharajjes u waslu biex jizzewgu u hareg car illi dan in-negozju kienu qeghdin jaghmluh flimkien. Irrizulta wkoll ftit wara li sar it-trasferiment tal-vetturi, il-konvenuti ma baqghux gharajjes u l-probabilita hija illi l-pagament ta' Lm2250 baqa ma sehhx minhabba din il-firda li sehhet bejn il-konvenuti.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi mill-komportament tal-konvenut Tanti hareg car illi huwa kien jirrikonoxxi illi l-ammont ta' Lm2250 huwa dovut u li ghal dan l-ammont huwa, ta' lanqas in parti, debitur. Dan qieghed jinghad ghaliex kieku ma kienx johrog cekk, (li rrizulta li kien tal-konvenuta Grech) li jkopri dan l-ammont, bhala hlas nonostante li dan ic-cekk baqa ma ssarrafx. L-anqas ma kien seta joqghod jwieghed lill-attur li kien ser ihallsu l-ammont dovut meta jidhlu l-flus minn bejgh ta' propjeta' li kien jghid li ghamel. Kieku dan l-ammont ma

kienx dovut ma kien jaghmel xejn minn dan kollu u kien jirreferi lill-attur ghand il-konevnuta Grech sabiex thallsu hi. Minn dan kollu ma ghamel xejn.

Minn naha l-ohra irid jinghad ukoll illi l-konvenuta Lourdes Grech spiccat biex akkwistat il-vettura Mitsubishi Lancer li giet trasferita f'isimha in segwitu ghal dan in-negozju. Ghaldaqstant l-istess konvenuta Grech certament kienet parti minn negozju li sar.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet peritali minkejja t-trattazzjoni li saret mill-abbli difensuri rispettivi tal-konvenuti. Ma jistax ikun hemm dubbju illi n-negozjati saru principalment mill-konvenut Tanti li mhux biss ammetta d-debitu u wieghed illi kien sejjer ihallsu izda wkoll permezz ta' cheque falsifikat ittenta biex effettivament jaghmel dan il-pagament. L-attur ma ghandux u ma jistax ikun parti ghar-relazzjonijiet interni bejn iz-zewg konvenuti u jekk verament jirrizulta illi l-konvenuta Grech kienet ghaddiet il-flus lill-konvenut Tanti u dawna gew minnu misappropriati allura hija ghandha kull dritt li tipprocedi kontra tieghu skond il-ligi w il-

Qorti qieghdha minn issa tirrizervalha kull azzjoni. Dan apparti pero' t-tpartit sar bid-Daihatsu proprieta' taghha, il-Mitsubishi giet registrata fuq isimha u ghalhekk, almenu fir-relazzjoni ma' l-attur, hemm l-indebitu favur taghha. Di piu' din il-Qorti ma taqbilx ghal kollox ma' l-interpretazzjoni maghmulha mid-difensur tal-konvenuta dwar dak rapportat mill-Perit Legali f'pagni 18 u 19 tar-rapport tieghu fejn jikkwota, xi minn daqqiet *verbatim*, mix-xhieda moghtija. Skond l-attur, infatti, Grech mhux biss hallset il-boll fuq it-trasferiment tal-Mitsubishi Lancer izda kienet marret tkellmu flimkien mal-konvenut l-iehor fis-*showroom* ta' l-Imsida. Oht l-attur tghid ukoll li l-konvenuta Grech mhux biss kienet tkun prezenti izda wkoll kienet taqbel ma' dak li kien qed ighid il-konvenut Tanti.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Lourdes Grech kif rapprezentata stante illi ma huwiex minnu illi l-istess hallset l-ammont intier fis-somma ta' Lm2250 ghas-saldu in konnessjoni man-negozju in kwistjoni, tichad ukoll l-eccezzjoni tal-konvenut Charles Tanti stante li ma huwiex minnu illi mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza, tilqa' t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elfejn

mitejn u hamsin lira Maltin bl-interessi mid-data meta giet intavolata din ic-citazzjoni.

Fir-rigward ta' l-ispejjes tal-kawza minkejja d-decide fuq il-meritu l-Qorti jidhrilha illi kien l-agir tal-konvenut Tanti aktar minn dak tal-konvenuta Grech illi wassal ghal din il-kawza u ghalhekk ghandu jissopporti parti aktar mill-ispejjes tal-kawza fl-ammont ta' tlieta minn erbgha (3/4), b'wiehed minn erbgha (1/4) jithallsu mill-konvenuta Grech.

Deputat Registratur

rf.